

# Ir-Rabta ta' San Ġorġ ma' Valletta, il-Belt Kapitali ta' Malta

**Victor Scerri**



San Ġorġ Martri, hu qaddis kbir u meqjum qatigħ. Dwar il-ħajja tiegħu nafu wkoll, għax ħarġu ħafna kotba dwaru. Dawn il-kotba jixhdu kemm kien qalbieni u qaddis. Imma jiena llum ser nitfa' dawl ieħor fuq San Ġorġ. Lil San Ġorġ illum ser nurih fid-dawl tar-rabta tiegħu, ma' Valletta, il-Belt Kapitali ta' pajjiżna, Malta. Forsi tistaqsu: X'inhi din ir-rabta?

Ma nagħtikomx tort li tistaqsu mistoqsija bħal din. Għax forsi mal-ewwel daqqa t'għajn, l-ebda rabta ma' tidher bejn San Ġorġ u l-Belt Valletta. Imma hemm. Rabta storika. U rabta qawwija devozzjonali. Din l-aħħar rabta tidher minn diversi nies li jġibu ismu, Ġorġ, Ġorġa, Georgette, Ġeorgina u ħafna forom oħra ta' ismijiet li jfissru l-istess isem, isem San Ġorġ.

Il-Ġorġjani jieħdu gost isiru jafu li Valletta għandha rabta ma' isem San Ġorġ. Ma nagħtihom tort. Kulħadd jiġbed lejn dak li jemmen u jħobb. Għalhekk meta jkomplu jaqraw l-artiklu, isibu sodisfazzjon tagħhom f'din ir-rabta. Rabta li tmur lura s-snin. Saħansitra sa minn żmien l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann f'pajjiżna, jiġifieri mal-ħames mitt sena ilu.

Il-fatti li se nsemmi huma interessanti għax juru aspett ieħor ta' isem San Ġorġ. Dan minbarra rabtiet oħra fejn jidħol dan l-isem. Tajjeb li dawn l-osservazzjonijiet ikunu magħrufa. Juru wkoll, xi twemmin kellhom missirijietna. Imma mhux biss. Dan juri kemm dan it-twemmin reliġjuż għadu ma tilifx is-saħħa tiegħu, fi żmienna u għad jibqa' l-istess fiż-żmien li ġej.

## Porta San Giorgio

Id-daħla ta' Valletta kienet imħarsa b'bieb li jżejnilna u li kien jinfetaħ u jingħalaq skont l-okkażjoni. L-ewwel bieb ta' Valletta, l-Bieb oriġinali kellu isem. Ingħata l-isem ta' *Porta San Giorgio*. Din hi l-ewwel rabta bejn Valletta u dan il-qaddis megalomartri. Fi żmien l-Ordni tal-



Kavallieri ta' San Ġwann, ħafna ismijiet kienu bit-Talja - għalhekk *Porta San Giorgio*.

*Porta San Giorgio* naturalment kien għall-istess difiża ta' Valletta, u meta ma' nżul ix-xemx kien jingħalaq, kien jassigura sens ta' sigurtà u serħan il-moħħ għan-nies li kienu joqogħdu Valletta. Malgħodwa, kien jinfetaħ biex kulħadd, min ħiereġ u min dieħel, ikun jista' jgħaddi minnu mingħajr xkiel ta' xejn. Kien bieb artistiku, u dinjituż, kif tassew jixraq lil Valletta.

Ta' min wieħed jgħid hawnhekk, illi l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann kellha qima kbira lejn San Ġorġ. Għalhekk ma neħduhiex bi kbira li kellna lokalitajiet imsemmija għal dan il-qaddis. *Porta San Giorgio* kien wieħed minnhom. Illum, Valletta m'għandhiex bibien f'daħlietha u ħruġha. Imma dan iż-żmien kellha, u mhux talli kellha, talli kien Bieb magħruf.

San Ġorġ kien suldat. Kien fil-militar ta' żmienu. L-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann, minbarra li kienet Ordni tar-Reliġjużi u Ospedaljieri, kienet saħansitra Ordni Militari. Mela mhux ta' b'xejn li fi żmien din l-Ordni, fil-ħakma jew tmexxija ta' pajjiżna, il-Bieb ta' Valletta kien imsemmi *Porta San Giorgio* għal dan il-qaddis militanti, maħbub tant f'pajjiżna.

## Strada San Giorgio (Illum Triq ir-Repubblika)

Waħda mill-aktar triq popolari u kummerċjali, jekk mhix l-aktar waħda ġewwa Valletta, hija Triq ir-Repubblika. Fiha għadd ġmielu ta' ħwienet varjati u ċentri kummerċjali li jbiegħu affarijiet differenti. F'din it-triq isiru wkoll ċelebrazzjonijiet reliġjużi, politiċi, sportivi, kulturali u soċjali mill-aqwa. Triq li rat ukoll funerali ta' personalitajiet distinti Maltin.

Triq ir-Repubblika, tul is-snin, bħal kull triq oħra ġewwa Valletta, u mkejjen oħra f'Malta u lil hinn minnha, għaddiet minn tibdiliet strutturali li iżda ma bidlux il-karatteristika popolari tagħha. Ukoll f'isimha rat it-tibdil, skont il-ħakma barranija li kien hawn f'pajjiżna. Imma ġara x'ġara, baqgħet triq tassew imfittxija, triq fejn jiltaqgħu bosta nies u triq in-negozju.

Triq ir-Repubblika, fi żmien l-Ordni ta' San Ġwann, kienet imsejħa *Strada San Giorgio* li bil-Malti tfisser Triq San Ġorġ. Mela minbarra *Porta San Giorgio*, Valletta kellha wkoll *Strada San Giorgio*. Naturalment, fiż-żminijiet imsemmija, Valletta kienet għadha fl-infanzja tagħha, imma digà kienet qed tieħu sura ta' belt residenzjali, popolari u kummerċjali.

*Strada San Giorgio* hija t-tieni indikazzjoni tar-rabta bejn San Ġorġ u Valletta, fl-istess inħawi, għax bejn *Porta San Giorgio* u *Strada San Giorgio*, kull ma kien hemm kienu biss ftit passi, mid-daħla/bieb tgħaddi għat-triq, li bħalma hija llum, kienet it-triq prinċipali ta' Valletta. *Strada San Giorgio* wkoll rat avvenimenti kbar iseħħu fiha u ġabret fi ħdanha n-nies.

## Pjazza San Giorgio (Illum Misraħ San Ġorġ)

Faċċata tal-Palazz tal-President, ġewwa Valletta, hemm pjazza wiesgħa li għandha storja mill-akbar. Qed nirreferi għal Misraħ San Ġorġ. Din il-pjazza rat ġrajjiet ta' importanza kbira.

Biex insemmi ftit minnhom, fiha sar ħruq il-privileġġi mill-Franċiżi f'Malta, fiha miet wieħed mill-vittmi tas-*Sette Giugno* u fiha kienet issir iċ-*Changing of the Guard* fi żmien l-Ingliżi.

F'din il-pjazza kien hemm ukoll bini importanti. Għamel żmien fiha l-Istitut Kulturali Libjan. Illum hemm l-Istitut Kulturali Taljan. Tħaddan ukoll wieħed mill-isbaħ monumenti storiċi tal-gżejjer Maltin, dak tas-*Sette Giugno*, xogħol l-iskultur mibki Anton Agius. Din il-pjazza, illum imżejna b'funtani ta' ilma li jispunta rqiq u ħlejju ma' ritmu ta' mużika ferriħija.

Inkompli bir-rabta ta' Valletta u San Ġorġ, dil-pjazza, illum Misraħ San Ġorġ (ir-rabta għadha hemm u awtentika) kienet *Piazza San Giorgio*. Mela fl-istess triq nistgħu ngħidu, li kellna tliet elementi jfakkru lil San Ġorġ, li kienu *Porta San Giorgio, Strada San Giorgio* u *Piazza San Giorgio*. Dawn kienu lkoll bi dritt xulxin, fl-istess triq, u fl-istess naħa ta' Valletta.

Misraħ San Ġorġ igawdi minn fama ta' tiġdid strutturali importanti. Dal-misraħ għandu l-bankijiet biex isserraħ in-nies mgħobbija biż-żmien jew li jkunu għejjew jaqdu l-ħtiġijiet tagħhom ġewwa Valletta. Igawdi minn sett ta' fanali ġodda moderni li jitfgħu dawl qawwi fuqu filgħaxijiet. Misraħ San Ġorġ, sieket jew brijjuż, hu lok mill-isbaħ ġewwa Valletta.

### Il-Kappella tal-Griegi ġewwa Triq il-Merkanti

Fi Triq il-Merkanti n-naħa t-isfel, hemm kappella ċkejkna, li kulħadd isibha bħala 'tal-Griegi' għax is-servizzi reliġjużi fiha, huma l-aktar għall-komunità Griega f'pajjiżna. Hi kappella ħelwa, mżejna fl-istil tal-Insara Griegi, u hija għas-servizzi reliġjużi bir-ritwal Grieg. Kappella, li tikkumplimenta l-bqija tal-bini li jdawwarha u li qatt ma xekklet lir-residenti.

Il-komunità Griega f'Valletta, dejjem kienet taqdi l-ħtiġijiet spiritwali u temporali tagħha, b'mod eżemplari. Hi komunità ċkejkna fin-numru imma dejjem għarfet timxi tajjeb man-nies li joqogħdu Valletta u qatt ma kienet ta' fastidju jew skumdità.



F'din il-kappella fi Triq il-Merkanti tiltaqa' sabiex tissodisfa l-bżonnijiet spiritwali tagħha b'devozzjoni qawwija.

Irrid ngħid ukoll, li saħansitra din il-kappella umli fi Triq il-Merkanti ġewwa Valletta, għandha rabta intrinsika ma' San Ġorġ megalomartri. Għaliex? Appuntu għaliex, din il-kappella mhija ddedikata li ħadd ħlief lil San Ġorġ. Fir-rit Grieg, San Ġorġ hu wieħed mill-aktar qaddisin prominenti ta' importanza kbira. San Ġorġ hu l-patrun ta' din il-kappella wkoll.

Maż-żmien forsi ntesa l-isem ta' din il-kappella, għax f'pajjiżna, bħal f'pajjiżi oħrajn, l-ilsien nattiv jaf idawwar ismijiet oriġinali f'għajdut popolari. Hekk din il-kappella ċkejkna, mill-Kappella ta' San Ġorġ, saret il-"Kappella tal-Griegi" għan-nazzjonalità tal-komunità li ssegwiha.

Magħrufa kif inhi magħrufa, jibqa' l-fatt li din il-kappella hi maħtura lil San Ġorġ.

## L-isem Ġorġ ma jitlaqx minn Valletta

L-isem Ġorġ minn Valletta ma jitlaqx. San Ġorġ Preca, il-qaddis Malti li kien tant imfittex f'ħajtu għall-pariri u wara mewtu biex jaqla' l-grazzji, twieled ġewwa Valletta, u kien imgħammed fil-knisja ta' San Duminku. Ġorġ hu isem komuni ġewwa Ħal Qormi u bir-raġun. Parroċċa sħiħa f'Ħal Qormi hi maħtura lil dan il-qaddis kbir - San Ġorġ Megalomartri.

Ta' min wieħed jgħid ukoll li l-Gran Mastru Pinto kien Gran Mastru li kien jissellef ħafna flus mill-poplu ta' Ħal Qormi. Pinto kien il-Gran Mastru li għolla lil Ħal Qormi bit-titlu ta' *Città Pinto* - titlu ta' Belt. Qed jingħad dan, għax Ħal Qormi kien ir-raħala li minnu ħarġu l-parroċċi ta' Valletta. Kien meqjus b'omm (il-mater) parrokkjali tal-parroċċi ġewwa Valletta.

Ħal Qormi ir-raħal ta' San Ġorġ u Valletta, il-belt kburija b'dal-qaddis. L-ewwel tarbija mgħammda Valletta (li l-parroċċi fi ħdanha ħarġu minn Ħal Qormi) minn Dun Marjanu Briffa, Kappillan ta' Ħal Qormi, nistgħu ngħidu, minn Ħal Qormi. Din ġiet mgħammda ġewwa Valletta. Anki bejn Ħal Qormi (*Città Pinto*) u Valletta, l-Belt Kapitali ta' Malta hemm din ir-rabta speċjali.

Bir-raġun kollu, indubbjament, San Ġorġ megalomartri, għandu niċċa partikolari f'qalb kul Qormi u Qormija, l-aktar dawk parruċċani Ġorġjani. Bir-raġun ukoll, San Ġorġ u Valletta, il-Belt Kapitali ta' Malta, għandhom rabta intrinsika li tmur lura s-snin. Jekk il-passat huwa verament il-mera tal-futur, allura nistgħu nkunu żguri li din ir-rabta ser tibqa' tabilħaqq.

NGK SPARK PLUG

MS

GREEN STAR

MIKE
Service Station Ltd

NGK Sparking Plugs • Green Star Lubricants
• Wide range of auto parts & accessories
Motor Oils • Greases • Lubricants • Additives

Main Street, Qormi QRM 05 • Tel: 21487007, 21495279 • Fax: 21485789